2025/2234

7.11.2025

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/2234**

**tas-27 ta' Ottubru 2025**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-197 sessjoni tal-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE ([1]), l-Unjoni aderiet mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKEE) li jikkonċerna l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, it-tagħmir u l-partijiet li jistgħu jkunu ffittjati f'vetturi bir-roti u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija abbażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet (il-"Ftehim Rivedut tal-1958"). Il-Ftehim Rivedut tal-1958 daħal fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 1998.

(2) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE ([2]), l-Unjoni aderiet mal-Ftehim dwar l-istabbiliment ta' regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jkunu ffittjati u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti (il-"Ftehim Parallel"). Il-Ftehim Parallel daħal fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2000.

(3) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jistabbilixxi dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip u l-introduzzjoni fis-suq tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi separati ġodda kollha. Dak ir-Regolament jinkorpora r-regolamenti adottati skont il-Ftehim Rivedut tal-1958 (ir-"Regolamenti tan-NU") fis-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew bħala alternattivi għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

(4) Skont l-Artikolu 1 tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u l-Artikolu 6 tal-Ftehim Parallel, il-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi (WP.29) jista' jadotta proposti għal modifiki tar-regolamenti tan-NU, tar-regolamenti tekniċi globali tan-NU (GTRs tan-NU) u tar-riżoluzzjonijiet tan-NU, kif ukoll proposti għal regolamenti ġodda tan-NU, GTRs ġodda tan-NU u riżoluzzjonijiet ġodda tan-NU dwar l-approvazzjoni tal-vetturi. Barra minn hekk, skont dawk id-dispożizzjonijiet, id-WP.29 jista' jadotta proposti għal awtorizzazzjonijiet biex jinħolqu emendi għall-GTRs tan-NU jew biex jinħolqu GTRs ġodda tan-NU, u jista' jadotta proposti għall-estensjoni tal-mandati għall-GTRs tan-NU.

(5) Mill-11 sal-14 ta' Novembru 2025, waqt il-197 sessjoni tiegħu, id-WP.29 jista' jadotta: proposti għal modifiki ta', inter alia, ir-regolamenti tan-NU bin-Nri 0, 10, 16, 46, 48, 49, 62, 73, 79, 83, 90, 100, 105, 107, 121, 127, 129, 131, 134, 145, 148, 149, 154, 156, 171, 173, 174, 175 u 176; proposta għal GTR ġdid tan-NU dwar id-durabbiltà tal-batteriji fil-vetturi għall-vetturi tqal elettrifikati; żewġ proposti għal emenda tar-riżoluzzjoni konsolidata dwar il-kostruzzjoni tal-vetturi (R.E.3); proposta għal rettifika tar-riżoluzzjoni reċiproka Nru 1 (M.R.1); u proposta għal emenda tar-riżoluzzjoni speċjali Nru 1 (S.R.1);

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-għan tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu ffittjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958") (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1997/836/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel") (ĠU L 35, 10.2.2000, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2000/125/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/858/oj).

(6) Sabiex ikunu jirriflettu l-esperjenza u l-iżviluppi tekniċi tul il-proċess tal-approvazzjoni tat-tip, ir-rekwiżiti għal ċerti aspetti jew karatteristiċi koperti mir-regolamenti tan-NU bin-Nri 0, 10, 16, 46, 48, 49, 62, 73, 79, 83, 90, 100, 105, 107, 121, 127, 129, 131, 134, 145, 148, 149, 154, 156, 171, 173, 174, 175 u 176 jeħtieġ jiġu emendati jew supplimentati.

(7) Għal progress teknoloġiku u d-dekarbonizzazzjoni, jeħtieġ li jiġi adottat GTR ġdid tan-NU dwar id-durabbiltà tal-batteriji fil-vetturi għall-vetturi tqal elettrifikati.

(8) Ir-Regolamenti tan-NU se jkunu vinkolanti għall-Unjoni. Flimkien mal-GTR tan-NU u r-riżoluzzjonijiet tal-NU, dawn se jinfluwenzaw il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi. Għalhekk, jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fid-WP.29 fir-rigward tal-adozzjoni ta' dawk il-proposti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-197 sessjoni tal-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi, li se ssir mill-11 sal-14 ta' Novembru 2025, għandha tkun li tivvota favur il-proposti elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fid-WP.29 jistgħu jaqblu fuq bidliet żgħar fl-abbozz tad-deċiżjoni mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-27 ta' Ottubru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. JENSEN

*ANNESS*

| Nru tar-Regolament | Titlu tal-punt fl-aġenda | Referenza tad-dokument [1] |
|---|---|---|
| 0 | Proposta għas-serje ta’ emendi 08 tar-Regolament tan-NU Nru 0<br>(ECE/TRANS/WP.29/1186, para. 59, abbażi ta’ WP.29-196-22) | ECE/TRANS/WP.29/2025/159 |
| 10 | Proposta għas-Suppliment 1 tas-serje ta’ emendi 07 tar-Regolament tan-NU Nru 10 (Kompatibbiltà elettromanjetika)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRE/92, para. 26, abbażi ta’ ECE/TRANS/WP.29/GRE/2025/3 kif emendat bi GRE-92-24 | ECE/TRANS/WP.29/2025/110 |
| 10 | Proposta għas-Suppliment 4 tas-serje ta’ emendi 06 tar-Regolament tan-NU Nru 10 (Kompatibbiltà Elettromanjetika)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRE/92, para. 29, abbażi ta’ GRE-90-36 | ECE/TRANS/WP.29/2025/113 |
| 16 | Proposta għas-Suppliment 6 tas-serje ta’ emendi 08 għar-Regolament tan-NU Nru 16 (Ċinturini tas-sikurezza)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRSP/77, para 13 abbażi ta’ GRSP-77-03 u GRSP-77-33-Rev.1 | ECE/TRANS/WP.29/2025/120 |
| 16 | Proposta għas-Suppliment 2 tas-serje ta’ emendi 09 għar-Regolament tan-NU Nru 16 (Ċinturini tas-sikurezza)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRSP/77, para 13 abbażi ta’ GRSP-77-04 u GRSP-77-33-Rev.1 | ECE/TRANS/WP.29/2025/121 |
| 16 | Proposta għas-Suppliment 2 tas-serje ta’ emendi 10 għar-Regolament tan-NU Nru 16 (Ċinturini tas-sikurezza)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRSP/77, para 13 abbażi ta’ GRSP-77-05 u GRSP-77-33-Rev.1 | ECE/TRANS/WP.29/2025/122 |
| 46 | Proposta għas-serje ta’ emendi 07 tar-Regolament tan-NU Nru 46 (apparati għall-viżjoni indiretta)<br>(ECE/TRANS/WP.29/GRSG/108, para. 10, abbażi ta’ GRSG-129-44-Rev.1 kif riprodott bl-Anness IV tar-rapport) | ECE/TRANS/WP.29/2025/103 |

| Nru tar-Regolament | Titlu tal-punt fl-aġenda | Referenza tad-dokument ([1]) |
|---|---|---|
| 48 | Proposta għas-Suppliment 22 tas-serje ta’ emendi 06 tar-Regolament tan-NU Nru 48 (Installazzjoni ta’ apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRE/92, para. 16, 18, 23, abbażi ta’ ECE/TRANS/WP.29/GRE/2025/4 u GRE-92-31, ECE/TRANS/WP.29/GRE/2025/6, ECE/TRANS/WP.29/GRE/2024/20/Rev.1 kif emendat bi GRE-92-32 | ECE/TRANS/WP.29/2025/114 |
| 48 | Proposta għas-Suppliment 9 tas-serje ta’ emendi 07 tar-Regolament tan-NU Nru 48 (Installazzjoni ta’ apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRE/92, para. 16, 18, 23, abbażi ta’ ECE/TRANS/WP.29/GRE/2025/4 u GRE-92-31, ECE/TRANS/WP.29/GRE/2025/6, ECE/TRANS/WP.29/GRE/2024/20/Rev.1 kif emendat bi GRE-92-32 | ECE/TRANS/WP.29/2025/115 |
| 48 | Proposta għas-Suppliment 7 tas-serje ta’ emendi 08 tar-Regolament tan-NU Nru 48 (Installazzjoni ta’ apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRE/92, para.16, 18, 23, abbażi ta’ ECE/TRANS/WP.29/GRE/2025/4 u GRE-92-31, ECE/TRANS/WP.29/GRE/2025/6, ECE/TRANS/WP.29/GRE/2024/20/Rev.1 kif emendat bi GRE-92-32 | ECE/TRANS/WP.29/2025/116 |
| 48 | Proposta għas-Suppliment 2 tas-serje ta’ emendi 09 tar-Regolament tan-NU Nru 48 (Installazzjoni ta’ apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRE/92, para. 16, 17, 18, 19, 23, abbażi ta’ ECE/TRANS/WP.29/GRE/2025/4 u GRE-92- 31, ECE/TRANS/WP.29/GRE/2025/5 kif emendat bi GRE-92-10-Rev.1, ECE/TRANS/WP.29/GRE/2025/6, ECE/TRANS/WP.29/GRE/2025/7, ECE/TRANS/WP.29/GRE/2024/20/Rev.1 kif emendat bi GRE-92-32 | ECE/TRANS/WP.29/2025/117 |
| 49 | Proposta għas-Suppliment 11 tas-serje ta’ emendi 06 tar-Regolament tan-NU Nru 49 (Emissjonijiet tal-magni ta’ tqabbid bil-kompressjoni u tal-magni ta’ tqabbid bi spark (LPG u CNG))<br>(ECE/TRANS/WP.29/GRPE/92, para. 48, abbażi ta’ ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2025/13) | ECE/TRANS/WP.29/2025/93 |

| Nru tar-Regolament | Titlu tal-punt fl-aġenda | Referenza tad-dokument ([1]) |
|---|---|---|
| 49 | Proposta għas-Suppliment 3 tas-serje ta’ emendi 07 tar-Regolament tan-NU Nru 49 (Emissjonijiet tal-magni ta’ tqabbid bil-kompressjoni u tal-magni ta’ tqabbid bi spark (LPG u CNG))<br>(ECE/TRANS/WP.29/GRPE/92, para. 49, abbażi ta’ ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2025/12, ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2025/13, GRPE-92- 25-Rev.2 kif emendat bl-Anness VIII) | ECE/TRANS/WP.29/2025/94 |
| 62 | Proposta għas-Suppliment 1 tas-serje ta’ emendi 01 tar-Regolament tan-NU Nru 62 (protezzjoni minn użu mhux awtorizzat għall-vetturi tal-kategoriji L1 – L7 attrezzati b’manubriji).<br>(ECE/TRANS/WP.29/GRSG/108, para. 39, abbażi ta’ ECE/TRANS/WP.29/GRSG/2025/2, mhux emendat) | ECE/TRANS/WP.29/2025/106 |
| 73 | Proposta għas-serje ta’ emendi 02 tar-Regolament tan-NU Nru 73 (apparati ta’ protezzjoni laterali)<br>(ECE/TRANS/WP.29/GRSG/108, para. 15, abbażi ta’ GRSG-129-21-Rev.5) | ECE/TRANS/WP.29/2025/104, WP.29-197-09 |
| 79 | Proposta għas-Suppliment 14 tas-serje ta’ emendi 03 tar-Regolament tan-NU Nru 79 (tagħmir tal-isteering)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRVA/22, abbażi ta’ ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2025/32 | ECE/TRANS/WP.29/2025/137 |
| 79 | Proposta għas-Suppliment 9 tas-serje ta’ emendi 04 tar-Regolament tan-NU Nru 79 (tagħmir tal-isteering)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRVA/22, abbażi ta’ ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2025/32 | ECE/TRANS/WP.29/2025/138 |
| 83 | Proposta għas-Suppliment 19 tas-serje ta’ emendi 05 tar-Regolament tan-NU Nru 83 (emissjonijiet tal-vetturi M1 u N1)<br>(ECE/TRANS/WP.29/GRPE/92, para. 13, abbażi ta’ ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2025/8 kif emendat bl-Anness IV) | ECE/TRANS/WP.29/2025/95 |
| 83 | Proposta għas-Suppliment 21 tas-serje ta’ emendi 06 tar-Regolament tan-NU Nru 83 (emissjonijiet tal-vetturi M1 u N1)<br>(ECE/TRANS/WP.29/GRPE/92, para. 14, abbażi ta’ ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2025/8, ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2025/9 u GRPE-92-22 kif emendat bl-Anness V) | ECE/TRANS/WP.29/2025/96 |

| Nru tar-Regolament | Titlu tal-punt fl-aġenda | Referenza tad-dokument ([1]) |
|---|---|---|
| 83 | Proposta għas-Suppliment 18 tas-serje ta' emendi 07 tar-Regolament tan-NU Nru 83 (emissjonijiet tal-vetturi M1 u N1)<br>(ECE/TRANS/WP.29/GRPE/92, para. 15, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2025/8, ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2025/9 u GRPE-92-22 kif emendat bl-Anness VI) | ECE/TRANS/WP.29/2025/97 |
| 83 | Proposta għas-Suppliment 3 tas-serje ta' emendi 08 tar-Regolament tan-NU Nru 83 (emissjonijiet tal-vetturi M1 u N1)<br>(ECE/TRANS/WP.29/GRPE/92, para. 16, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2025/8 u ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2025/10 kif emendat bl-Anness VII) | ECE/TRANS/WP.29/2025/98 |
| 90 | Proposta għas-Suppliment 12 tas-serje ta' emendi 01 tar-Regolament tan-NU Nru 90 (parts ta' sostituzzjoni tal-ibbrejkjar)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRVA/22, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2025/35 | ECE/TRANS/WP.29/2025/139 |
| 90 | Proposta għas-Suppliment 13 tas-serje ta' emendi 02 tar-Regolament tan-NU Nru 90 (parts ta' sostituzzjoni tal-ibbrejkjar)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRVA/22, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2025/35 u ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2025/36 | ECE/TRANS/WP.29/2025/140 |
| 100 | Proposta għal rettifika 2 tas-serje ta' emendi 03 tar-Regolament tan-NU Nru 100 (vetturi b'sistema tal-motopropulsjoni elettrika) (Franċiż biss)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRSP/77, para. 20, abbażi ta' GRSP-77-44 | ECE/TRANS/WP.29/2025/123 |
| 100 | Proposta għal rettifika 1 tas-serje ta' emendi 04 tar-Regolament tan-NU Nru 100 (vetturi b'sistema tal-motopropulsjoni elettrika) (Franċiż biss)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRSP/77, para. 20, abbażi ta' GRSP-77-44 | ECE/TRANS/WP.29/2025/124 |
| 100 | Proposta għal rettifika 1 tas-serje ta' emendi 5 tar-Regolament tan-NU Nru 100 (vetturi b'sistema tal-motopropulsjoni elettrika) (Franċiż biss)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRSP/77, para. 20, abbażi ta' GRSP-77-44 | ECE/TRANS/WP.29/2025/125 |

| Nru tar-Regolament | Titlu tal-punt fl-aġenda | Referenza tad-dokument [1] |
|---|---|---|
| 105 | Proposta għal rettifika 1 tas-serje ta' emendi 07 għar-Regolament tan-NU Nru 105 (vetturi għat-trasport ta' oġġetti perikolużi)<br>(ECE/TRANS/WP.29/GRSG/108, para. 40, abbażi ta' GRSG-129-40 kif riprodott fl-Anness VIII tar-rapport) | ECE/TRANS/WP.29/2025/107 |
| 107 | Proposta għas-serje ta' emendi 11 tar-Regolament tal-NU Nru 107 (vetturi M2 u M3)<br>(ECE/TRANS/WP.29/GRSG/108, para. 3, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSG/2025/9, kif emendat bl-Anness II) | ECE/TRANS/WP.29/2025/105 |
| 121 | Proposta għas-Supplement 7 tas-serje ta' emendi 01 tar-Regolament tan-NU Nru 121 (identifikazzjoni tal-kontrolli, tal-indikaturi operatorji u tal-indikaturi)<br>(ECE/TRANS/WP.29/GRSG/108, para. 22, abbażi ta' GRSG-129-15, kif riprodott bl-Anness VI tar-rapport) | ECE/TRANS/WP.29/2025/108 |
| 127 | Proposta għas-Suppliment 1 tas-serje ta' emendi 02 tar-Regolament tan-NU Nru 127 (sikurezza għall-persuni bil-mixi)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRSP/77, para. 23, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2025/8 | ECE/TRANS/WP.29/2025/126 |
| 127 | Proposta għas-Suppliment 4 tas-serje ta' emendi 03 tar-Regolament tan-NU Nru 127 (sikurezza għall-persuni bil-mixi)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRSP/77, para. 23, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2025/8 | ECE/TRANS/WP.29/2025/127 |
| 127 | Proposta għal Suppliment 3 tas-serje 04 ta' emendi tar-Regolament tan-NU Nru 127 (sikurezza għall-persuni bil-mixi) ECE/TRANS/WP.29/GRSP/77, para. 23, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2025/8 | ECE/TRANS/WP.29/2025/128 |
| 129 | Proposta għas-Suppliment 4 tas-serje ta' emendi 04 tar-Regolament tan-NU Nru 129 (sistemi mtejba tat-trażżin għat-tfal)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRSP/77, para. 26, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2025/4 u GRSP-77-12 | ECE/TRANS/WP.29/2025/129 |
| 131 | Proposta għas-Suppliment 3 tas-serje ta' emendi 02 tar-Regolament tan-NU Nru 131 (sistema avvanzata tal-ibbrejkjar ta' emerġenza, AEBS)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRVA/22 abbażi tad-dokument informali GRVA-22-05 | ECE/TRANS/WP.29/2025/141 |

| Nru tar-Regolament | Titlu tal-punt fl-aġenda | Referenza tad-dokument ([1]) |
|---|---|---|
| 134 | Proposta għas-serje ta’ emendi 03 tar-Regolament tan-NU Nru 134 (vetturi li jaħdmu bl-idroġenu u b’ċelloli tal-fjuwil)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRSP/77, para. 30, abbażi ta’ GRSP-77-30-Rev.2 | ECE/TRANS/WP.29/2025/130 |
| 134 | Proposta għas-Suppliment 3 tas-serje ta’ emendi 02 tar-Regolament tan-NU Nru 134 (vetturi li jaħdmu bl-idroġenu u b’ċelloli tal-fjuwil)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRSP/77, para. 30, abbażi ta’ GRSP-77-46-Rev.1 | ECE/TRANS/WP.29/2025/131 |
| 145 | Proposta għal rettifika 2 tas-serje ta’ emendi oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 145 (sistemi ta’ ankraġġ ISOFIX, ankraġġi tal-irbit ta’ fuq ISOFIX u pożizzjonijiet bilqiegħda i-size)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRSP/77, para. 53, abbażi ta’ GRSP-77-13-Rev.1 | ECE/TRANS/WP.29/2025/132 |
| 145 | Proposta għal rettifika 1 tas-serje ta’ emendi 01 tar-Regolament tan-NU Nru 145 (sistemi ta’ ankraġġ ISOFIX, ankraġġi tal-irbit ta’ fuq ISOFIX u pożizzjonijiet bilqiegħda i-size)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRSP/77, para. 53, abbażi ta’ GRSP-77-14-Rev.1 | ECE/TRANS/WP.29/2025/133 |
| 148 | Proposta għas-Suppliment 5 tas-serje ta’ emendi 01 tar-Regolament tan-NU Nru 148 (apparati għas-sinjalar bid-dawl)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRE/92, para. 23, abbażi ta’ ECE/TRANS/WP.29/GRE/2024/20/Rev.1 kif emendat bi GRE-92-32 | ECE/TRANS/WP.29/2025/112 |
| 149 | Proposta għas-Supplement 10 tas-serje ta’ emendi 00 tar-Regolament tan-NU Nru 149 (apparati għat-tidwil tat-triq)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRE/92, para. 25, abbażi ta’ ECE/TRANS/WP.29/GRE/2025/8 | ECE/TRANS/WP.29/2025/118 |
| 149 | Proposta għas-Supplement 6 tas-serje ta’ emendi 01 tar-Regolament tan-NU Nru 149 (apparati għat-tidwil tat-triq)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRE/92, para. 25, abbażi ta’ ECE/TRANS/WP.29/GRE/2025/8 | ECE/TRANS/WP.29/2025/119 |

| Nru tar-Regolament | Titlu tal-punt fl-aġenda | Referenza tad-dokument ([1]) |
|---|---|---|
| 154 | Proposta għas-Suppliment 2 tal-verżjoni oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 154 (proċedura ta' ttestjar armonizzata fuq livell dinji għall-vetturi ħfief, WLTP)<br>(ECE/TRANS/WP.29/GRPE/92, para. 19, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2025/2, ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2025/11 u GRP-92-21-Rev.3 u tul is-sessjoni kif emendat bl-Addendum 3) | ECE/TRANS/WP.29/2025/99 |
| 154 | Proposta għas-Suppliment 2 tas-serje ta' emendi 01 tar-Regolament tan-NU Nru 154 (proċedura ta' ttestjar armonizzata fuq livell dinji għall-vetturi ħfief, WLTP)<br>(ECE/TRANS/WP.29/GRPE/92, para. 20, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2025/3, ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2025/11 u GRP-92-21-Rev.3 u tul is-sessjoni kif emendat bl-Addendum 4) | ECE/TRANS/WP.29/2025/100 |
| 154 | Proposta għas-Suppliment 2 tas-serje ta' emendi 02 tar-Regolament tan-NU Nru 154 (proċedura ta' ttestjar armonizzata fuq livell dinji għall-vetturi ħfief, WLTP)<br>(ECE/TRANS/WP.29/GRPE/92, para. 21, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2025/4, ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2025/11 u GRP-92-21-Rev.3 u tul is-sessjoni kif emendat bl-Addendum 5) | ECE/TRANS/WP.29/2025/101 |
| 154 | Proposta għas-Suppliment 2 tas-serje ta' emendi 03 tar-Regolament tan-NU Nru 154 (proċedura ta' ttestjar armonizzata fuq livell dinji għall-vetturi ħfief, WLTP)<br>(ECE/TRANS/WP.29/GRPE/92, para. 22, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2025/5, ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2025/11 u GRP-92-21-Rev.3 u tul is-sessjoni kif emendat bl-Addendum 6) | ECE/TRANS/WP.29/2025/102 |
| 156 | Proposta għas-serje ta' emendi 01 il-ġdida tar-Regolament tan-NU Nru 156 (sistema tal-aġġornament tas-software u ta' ġestjoni tal-aġġornament tas-software)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRVA/22, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2025/28 | ECE/TRANS/WP.29/2025/142, WP.29-197-07 |
| 171 | Proposta għas-Suppliment 3 tal-verżjoni oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 171 (sistemi ta' assistenza fil-kontroll għas-sewwieq, DCAS)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRVA/22, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2025/31 u ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2025/30 kif emendat bi GRVA-22-18 | ECE/TRANS/WP.29/2025/143 |

| Nru tar-Regolament | Titlu tal-punt fl-aġenda | Referenza tad-dokument ([1]) |
|---|---|---|
| 171 | Proposta għas-Suppliment 1 tas-serje ta' emendi 01 tar-Regolament tan-NU Nru 171 (sistemi ta' assistenza fil-kontroll għas-sewwieq, DCAS)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRVA/22, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2025/30 kif emendat bi GRVA-22-18 | ECE/TRANS/WP.29/2025/144 |
| 173 | Proposta għas-Suppliment 1 tas-serje ta' emendi 01 tar-Regolament tan-NU Nru 173 (installazzjoni ta' sistemi ta' trażżin għall-okkupanti)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRSP/77, para. 34, abbażi ta' GRSP-77-55 | ECE/TRANS/WP.29/2025/134 |
| 174 | Proposta għal rettifika tas-serje ta' emendi 00 tar-Regolament tan-NU Nru 174 (tfakkiriet taċ-ċinturini tas-sikurezza)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRSP/77, para. 35, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2025/6 | ECE/TRANS/WP.29/2025/135 |
| 174 | Proposta għal rettifika tas-serje ta' emendi 01 tar-Regolament tan-NU Nru 174 (tfakkiriet taċ-ċinturini tas-sikurezza)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRSP/77, para. 35, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2025/6 u GRSP-77-16 | ECE/TRANS/WP.29/2025/136 |
| 175 | Proposta għas-Suppliment 1 tal-verżjoni oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 175 (kontroll tal-aċċellerazzjoni għall-iżbalji tal-pedala, ACPE)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRVA/22, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2025/33 | ECE/TRANS/WP.29/2025/145 |
| 176 | Proposta għas-Suppliment 1 tal-verżjoni oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 176 (sistemi ta' assistenza għall-kamp ta' viżjoni)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRSG/108, para. 41, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSG/2025/7 | ECE/TRANS/WP.29/2025/109 |

([1]) Id-dokumenti kollha msemmija fit-tabella jinsabu fuq: https://unece.org/sites/default/files/2025-08/ECE-TRANS-WP.29-1187e%20%281%29.pdf.

| Mixxellanji | Titlu tal-punt fl-aġenda | Referenza tad-dokument |
|---|---|---|
| GTR | Proposta għal GTR ġdid tan-NU dwar id-durabbiltà tal-batteriji fil-vetturi għall-vetturi tqal elettrifikati<br>(ECE/TRANS/WP.29/GRPE/92, para. 67, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRPE/2025/7, GRPE-92-43 kif rifless bl-Addendum 7) | ECE/TRANS/WP.29/2025/149 |
| Rapport | Proposta għal rapport tekniku dwar l-iżvilupp ta' Regolament Tekniku Globali ġdid tan-NU dwar id-Durabbiltà tal-Batteriji fil-Vetturi għall-Vetturi Tqal Elettrifikati<br>(ECE/TRANS/WP.29/GRPE/92, para. 68, abbażi ta' GRPE-92-44 kif rifless fl-Addendum 8) | ECE/TRANS/WP.29/2025/150 |
| Rapport | It-tielet rapport ta' progress dwar UNR u GTR tal-ADS | ECE/TRANS/WP.29/2025/160 |
| Awtorizzazzjoni | Talba għall-awtorizzazzjoni biex tinħoloq emenda tal-GTR tan-NU Nru 13 | ECE/TRANS/WP.29/2025/161 |
| Riżoluzzjoni | Proposta għal Reviżjoni 8 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3)<br>(ECE/TRANS/WP.29/GRSG/108, para. 32, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSG/2025/5 kif emendat bl-Anness VII tar-rapport) | ECE/TRANS/WP.29/2025/146 |
| Riżoluzzjoni | Proposta għal emendi tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRVA/22, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2025/28 kif emendat bi GRVA-22-11/Rev.2 | ECE/TRANS/WP.29/2025/147, WP.29-197-06 |
| Riżoluzzjoni | Proposta għal rettifika ta' M.R.1 (ECE/TRANS/WP.29/GRSP/77, para. 40, abbażi ta' GRSP-77-54) | ECE/TRANS/WP.29/2025/148 |
| Riżoluzzjoni | Proposta għall-Emendi 3 tar-Riżoluzzjoni Speċjali Nru 1<br>(ECE/TRANS/WP.29/GRSG/108, para. 23, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSG/2025/6 kif emendat bil-paragrafu 30 tar-rapport) | ECE/TRANS/WP.29/2025/151 |

| Mixxellanji | Titlu tal-punt fl-aġenda | Referenza tad-dokument |
|---|---|---|
| Gwida | Proposta għal Dokument Gwida dwar l-Użu tad-DETA għall-Iskop tar-Regolament tan-NU Nru 171 dwar dispożizzjonijiet uniformi b'rabta mal-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tas-sistemi ta' assistenza għall-kontroll tas-sewwieqa (DCAS)<br>ECE/TRANS/WP.29/GRVA/22, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2025/29 kif emendat bi GRVA-22-1 | ECE/TRANS/WP.29/2025/92 |
| Kompendju | Proposta għal estensjoni ta' ħames snin fil-Kompendju tal-Kandidati tal-elenkar Nru 1 | ECE/TRANS/WP.29/2025/152 |
| Kompendju | Proposta għal estensjoni ta' ħames snin fil-Kompendju tal-Kandidati tal-elenkar Nru 2 | ECE/TRANS/WP.29/2025/153 |
| Kompendju | Proposta għal estensjoni ta' ħames snin fil-Kompendju tal-Kandidati tal-elenkar Nru 3 | ECE/TRANS/WP.29/2025/154 |
| Kompendju | Proposta għal estensjoni ta' ħames snin fil-Kompendju tal-Kandidati tal-elenkar Nru 5 | ECE/TRANS/WP.29/2025/155 |
| Kompendju | Proposta għal estensjoni ta' ħames snin fil-Kompendju tal-Kandidati tal-elenkar Nru 6 | ECE/TRANS/WP.29/2025/156 |
| Kompendju | Proposta għal estensjoni ta' ħames snin fil-Kompendju tal-Kandidati tal-elenkar Nru 7 | ECE/TRANS/WP.29/2025/157 |
| Kompendju | Proposta għal estensjoni ta' ħames snin fil-Kompendju tal-Kandidati tal-elenkar Nru 9 | ECE/TRANS/WP.29/2025/158 |